

# *INTENZJONIJIET PARTIKULARI*
## *Proposti mill-Papa Franġisku fuq il-Ħamest Iswaba' tal-Id*

**1. L-Oħxon**
Is-saba' *l-oħxon* hu l-eqreb wieħed lejk. Mela ibda billi titlob għal dawk li huma l-eqreb lejk. Huma l-persuni li fihom faċilment niftakru. Li nitolbu għall-għeżież tagħna hu "dmir ħelu".

**2. Il-Werrej**
Is-saba' li jmiss hu *l-werrej*. Itlob għal dawk li jgħallmu, jedukaw u jieħdu ħsieb tal-oħrajn. Din il-kategorija tiġbor fiha l-għalliema, il-professuri, it-tobba us-saċerdoti. Għandhom bżonn tas-sostenn u l-għerf biex juru lill-oħrajn it-triq it-tajba. Dejjem ftakar fihom fit-talb tiegħek.

**3. Il-Fustani**
Is-saba' li jmiss, *il-fustani*, hu l-itwal wieħed. Ifakkarna f'dawk li jmexxuna. Itlob għall-President, il-membri parlamentari, in-nies tan-negozju u d-diretturi tal-kumpaniji. F'idejn dawn il-persuni hemm id-destin ta' pajjiżna u huma jdawlu l-opinjoni pubblika ... Għandhom bżonn id-dawl ta' Alla.

**4. Taċ-Ċurkett**
Ir-raba' saba' jissejjaħ *taċ-Ċurkett*. Jissorprendina l-fatt li dan hu l-aktar saba' dgħajjef, kif jista' jikkonfermalna kull min jgħallem il-pjanu. Qiegħed hemm biex ifakkarna f'dawk l-aktar dgħajfa, f'min għandu xi sfidi x'jaffronta, fil-morda. Dawn għandhom bżonn tat-talb tiegħek lejl u nhar. It-talb tiegħek għalihom qatt mhu biżżejjed. U qiegħed hemm ukoll biex jistedinna nitolbu għall-koppji miżżewġa.

**5. Iż-Żgħir**
U fl-aħħar għandna s-saba' *ż-żgħir* tagħna, l-iċken fosthom ilkoll, kif ċkejknin għandna nħossuna quddiem Alla u l-proxxmu. Kif jgħid Ġesù, "tal-aħħar jiġu l-ewwel". Is-saba' ż-żgħir ifakkrek titlob għalik innifsek. Wara li tkun tlabt għall-oħrajn kollha, tista' tifhem aħjar liema hu l-ħtiġijiet tiegħek billi tħares lejhom mill-perspettiva t-tajba.



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

# IS-SAJF MALTI:
## MIMLI FESTI U QADDISIN

Deħlin fil-qalba tas-Sajf, u f'pajjiżna nafu li s-sajf ma jfissirx sħana u baħar biss, imma jfisser ukoll festi u qaddisin, allavorja din is-sena erġajna mhux bħas-soltu. Wisq probabli, meta naħsbu fil-qaddisin, l-ewwel ma jiġu f'moħħna huma San Pawl, San Ġużepp, Santa Rita u oħrajn, li huma familjari sew magħna. Imma l-Knisja għandha qaddisin oħra li huma pjuttost misterjużi, għax ftit nisimgħu bihom, u dan għax huma parti mill-Knisja tal-Lvant, Kattoliċi bħalna, imma li għandhom rit differenti.

***San Charbel Makhlouf, Qaddis tar-Rit Maronita***
Wieħed minn dawn huwa San Charbel Makhlouf, tar-Rit Maronita, li t-tifkira tiegħu fil-Knisja Kattolika Rumana ssir proprju f'dan ix-xahar - nhar l-24 ta' Lulju - u fil-Knisja tal-Lvant tkun iċċelebrata nhar it-tielet Ħadd ta' Lulju. Il-Knisja Maronita taf il-bidu tagħha lil San Maron, eremita Sirjan li għex fl-aħħar tar-IV u l-bidu tal-V seklu u hija mifruxa l-iktar fil-Libanu. Il-Wied qaddis ta' Qadisha, bl-ermitaġġi tiegħu minġura fil-ġebel u bis-siġar taċ-ċedru li l-injam tagħhom jissemma' fil-Bibbja bħal meta s-sultan David użah għall-palazz tiegħu u ibnu Salamun għat-tempju ta' Ġerusalemm, huwa s-simbolu tal-ħeġġa u tal-perseveranza ta' dan il-poplu.

***Ġibda għall-ħajja ta' Talb***
San Charbel, oriġinarjament jismu Youssef Antoun Makhlouf, kien wieħed mill-ħamest ulied ta' Antoun Zaarour Makhlouf u ta' Brigitta Chidiac, u twieled nhar it-8 ta' Mejju, 1828. Hu kien jgħix fir-raħal ta' Bekaa Kafra, aktarx l-iktar raħal li jinsab fil-għoli fil-muntanji tal-Libanu. Missieru kien sewwieq tal-bgħula u darba, meta Youssef kellu biss tliet snin, huwa u ġej lura minn biċċa xogħol b'xejn għall-armata Torka, tilef ħajtu. Youssef trabba minn ommu u sa minn kmieni ħassu miġbud lejn il-ħajja tal-eremiti, ħajja li diġa kienu qed jgħixu żewġ zijiet tiegħu. Bħala tfajjel, huwa kien jieħu ħsieb il-merħla ċkejkna tal-familja, u kien jieħu l-annimali f'għar fil-qrib fejn kien poġġa ikona tal-Madonna u kien jgħaddi l-ġurnata jitlob.



***Eremita b'fama ta' qdusija***

Fl-1851, Youssef ħalla l-familja u daħal mal-Ordni Maronita tal-Libanu fil-monasteru ta' Sidtna Marija f'Mayfouq fejn beda jitgħallem jgħix il-ħajja ta' monaku. Hawnhekk ingħata l-abitu reliġjuż u ħa l-isem ta' Charbel, martri Kristjan f'Antijokja tat-II seklu. Charbel mar jistudja biex isir saċerdot u meta temm l-istudji tiegħu, huwa ntbagħat fil-monasteru ta' San Maron, fejn għex ħajja intensa ta' ċaħda u ta' talb. Fl-1875, Charbel ingħata l-permess li jgħix ta' eremita fil-kappella ta' San Pietru u San Pawl u hemmhekk għadda 23 sena jgħix waħdu, sa ma miet b'attakk ta' puplesija lejlet il-Milied tas-sena 1898. L-għada, Charbel ġie midfun fil-monasteru ta' San Maron. Jingħad li t-temp tant kien ħażin li fixkel lir-reffiegħa milli jagħmlu xogħolhom. Kien nieżel ħafna silġ u s-sħab kien iswed tassew. Iżda wieħed mir-reffiegħa jgħid li meta refgħuh biex jeħduh fil-monasteru, is-sħab għeb u l-ajru fetaħ. Storja oħra tgħid li ftit xhur wara mewtu, dawl qawwi deher fuq qabru. Is-superjuri fetħu l-qabar u sabuh intatt. Minn wara dakinhar, likwidu donnu demm beda joħroġ minn ġismu. Il-qabar ta' Charbel infetaħ diversi drabi u ġismu baqa' jidher donnu dak ta' bniedem ħaj sa ma' fl-1976 infetaħ għall-aħħar darba u nstab biss l-iskeletru tiegħu.

***Stejjer ta' mirakli wara mewtu***

San Charbel għamel ħafna mirakli u huwa mfittex kemm mill-Insara kif ukoll mill-Musulmani. Fil-fatt, 4 miljun pellegrin iżur kull sena l-qabar tiegħu. L-iktar miraklu famuż ta' San Charbel huwa dak ta' Nohad El Shami, mara ta' 55 sena, li kellha paraliżi parzjali. Hija tgħid kif matul il-lejl tat-22 ta' Jannar 1993, f'ħolma rat żewġ monaċi Maroniti ħdejn is-sodda tagħha. Wieħed minnhom poġġa jdejh fuq għonqha u operaha, filwaqt li l-ieħor żamm l-imħadda taħt għonqha. Meta qamet, sabet żewġ feriti f'għonqha, waħda fuq kull naħa. Kienet imfejqa għal kollox u reġgħet setgħet timxi. Kien San Charbel li fejjaqha imma lill-monaku l-ieħor ma għarfitux. Il-lejl ta' wara, reġgħet rat lil San Charbel f'ħolma. Huwa qalilha: *'Għamilt din l-operazzjoni sabiex in-nies jaraw u jerġgħu lura lejn il-fidi. Nitolbok iżżur l-ermitaġġ kull 22 tax-xahar u li tmur il-quddies regolarment għall-bqija ta' ħajtek.'*

***Dikjarat qaddis mill-Papa San Pawlu VI***

Nhar il-5 ta' Diċembru, 1965, f'għeluq il-Konċilju Vatikan II, il-Papa Pawlu VI ddikjara lil Charbel Makhlouf qaddis. Huwa qal *"Eremita mill-għolja tal-Libanu issa jinsab miktub fil-lista tal-qaddisin ... membru ġdid ta' qdusija monastika li bl-eżempju u l-interċessjoni tiegħu stagħna l-poplu Nisrani kollu. Jalla nifhmu, f'dinja msaħħra bl-għana u l-lussu, il-valur assolut tal-faqar, tal-penitenza u tal-axxetika, li jneħħu kull xkiel mir-ruħ li qed tfixkel lil Alla."*

San Charbel kien iħeġġeġ ħafna għat-talb li jgħin lill-bniedem jgħix sew il-ħajja tiegħu, li jrattab il-qlub u jdawwal l-imħuħ imdallma.

Jalla ngħixu kliem dan il-qaddis sabiex bit-talb tagħna aħna naqilgħu l-ħniena u nissukktaw fil-mixja tagħna lejn il-ħajja ta' dejjem.





| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 1 ta' Lulju | **Tifkira tal-Beatu Nazju Falzon** |
| Il-Ġimgħa 2 ta' Lulju | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-5:45pm - Qrar<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni u Barka Sagramentali. |
| Il-Ħadd 4 ta' Lulju | Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija |
| Il-Ħadd 25 ta' Lulju | **Jum in-Nanniet** |



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Sabrina Dalli

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Carmelo Frendo

***Nitolbu għalihom!***



